REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/468

tat-12 ta' Marzu 2025

li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli pproċessati li joriġinaw mir-Repubblika taċ-Ċilì

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 58(1) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/3016 ([2]), il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì ([3]) ġie konkluż fit-13 ta' Diċembru 2024.

(2) Il-Ftehim jistipula li d-dazji doganali fuq l-importazzjoni fl-Unjoni ta' oġġetti li joriġinaw fiċ-Ċilì għandhom jitnaqqsu jew jiġu eliminati skont l-iskeda ta' tneħħija tat-tariffi stabbiliti fl-Anness 2 tal-Ftehim. L-Anness 2 jipprevedi li għal ċerti oġġetti li joriġinaw fiċ-Ċilì, it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tad-dazji doganali huma mogħtija fi ħdan il-kwoti tariffarji.

(3) It-Taqsima B, tal-Anness 2 tal-Ftehim tipprevedi li l-Unjoni għandha tamministra dawn il-kwoti tariffarji fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Il-Kummissjoni tenħtieġ li tiġġestixxi dawk il-kwoti tariffarji skont ir-regoli dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([4]).

(4) Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2025. Sabiex jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-ġestjoni effikaċi tal-kwoti tariffarji mogħtija skont il-Ftehim, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika minn dik id-data.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tariffarji tal-Unjoni huma miftuħa għal oġġetti li joriġinaw fiċ-Ċilì kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Il-kwoti tariffarji stabbiliti fl-Anness għandhom jiġu ġestiti skont l-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/3016 tat-18 ta' Marzu 2024 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì (ĠU L, 2024/3016, 20.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3016/oj).
([3]) Ftehim Interim dwar Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì (ĠU L, 2024/2953, 20.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/2953/oj).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Frar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala kliem ta' valur indikattiv biss, bl-iskema preferenzjali tkun deċiża, fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu meta jiġi adottat dan ir-Regolament. Fejn huma indikati l-kodiċi ex NM, l-iskema preferenzjali għandha tkun iddeterminata bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju fuq il-kwota tariffarja (% tnaqqis)
09,1931	1704 10 U 1704 90 30 1704 90 51 1704 90 55 1704 90 61 1704 90 65 1704 90 71 1704 90 75 1704 90 81 1704 90 10	Ħelu taz-zokkor (inkluż ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw	Minn 1.2.2025 sa 31.12.2025: 366,67 tunnellata u għal kull sena sussegwenti mill-1.1 sal-31.12: 400 tunnellata	100
09,1932	1806 20 10 1806 20 30 1806 20 50 1806 20 70 1806 20 80 1806 31 00 1806 32 U 1806 90 U	Ċikkulata u preparati oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw	Minn 1.2.2025 sa 31.12.2025: 366,67 tunnellata u għal kull sena sussegwenti mill-1.1 sal-31.12: 400 tunnellata	100
09,1933	1905 31 U 1905 32 U 1905 90 45	Gallettini ħelwin; waffles u wejfers	Minn 1.2.2025 sa 31.12.2025: 458,34 tunnellata u għal kull sena sussegwenti mill-1.1 sal-31.12: 500 tunnellata	100
09,1936	1604 14 21 1604 14 26 1604 14 28 1604 14 31 1604 14 36 1604 14 38 1604 14 41 1604 14 46 1604 14 48 1604 19 31 1604 19 39 1604 20 70	Ħut imħejji jew ippreservat	Minn 1.2.2025 sa 31.12.2025: 229,17 tunnellata u għal kull sena sussegwenti mill-1.1 sal-31.12: 250 tunnellata	100
09,1952	2208 40 11 2208 40 39 2208 40 51 2208 40 99	Rum	Minn 1.2.2025 sa 31.12.2025: 458,34 ettolitru (ekwivalenti għal alkoħol pur) u għal kull sena sussegwenti mill-1.1 sal-31.12: 500 ettolitru (ekwivalenti għal alkoħol pur)	100